**MESSAĠĠ TAL-QDUSIJA TIEGĦU**
**IL-PAPA BENEDITTU XVI**
**GĦAR-RANDAN 2006**

*"Ġesu', meta ra l-folol, tħassarhom"* (Mt 9.36)

*Għeżież ħuti rġiel u nisa!*

Ir-Randan huwa żmien privileġġjat ta' pellegrinaġġ interjuri lejn Dak li huwa l-għajn tal-ħniena. Huwa pellegrinaġġ li fih Huwa nnifsu jakkumpanjana ma' tul id-deżert tal-faqar tagħna, waqt li jgħajjixna fil-mixja tagħna lejn il-ferħ sħiħ tal-Għid. Ukoll fil-"wied tad-dlamijiet", li dwaru jitkellem is-Salmista (*Salm* 23:4), waqt li t-tentatur jipprova li niddispraw jew li nqiegħdu tama fiergħa fix-xogħol ta' idejna, Alla huwa hemm biex iħarisna u jqawwina. Iva, il-lum ukoll, Alla jisma' l-għajta tal-folol li jixtiequ l-hena, il-paċi u l-imħabba. Bħal f'kull żmien, huma jħossuhom abbandunati. B'danakollu, ukoll fid-dwejjaq tal-miżerja, tas-solitudni, tal-vjolenza u tal-ġuħ li jolqtu lil kulħadd, tfal, adulti u anzjani, Alla ma jħallix id-dlam tal-biża' li jaħkimna. Infatti, fi kliem il-predeċessur maħbub tiegħi, il-Papa Ġwanni Pawlu II, hemm "limitu divin impost fuq il-ħażen", jiġifieri l-ħniena (Memorja u Identita', 19 ff.). B'dawn il-ħsibijiet f'moħħi jien għażilt is-suġġett tiegħi għal dan il-Messaġġ, it-test ta' l-Evanġelju: "Ġesu', meta ra l-folol, tħassarhom" (Mt 9:36).

F'dan id-dawl, jiena nixtieq nieqaf u nirrifletti fuq kwistjoni li hija dibattuta ħafna fiż-żmien tal-lum: il-kwistjoni ta' l-iżvilupp. Il-lum ukoll "il-ħarsa" kommossa ta' Kristu tkompli taqa' fuq il-bnedmin u fuq il-popli. Huwa jħares lejhom għax jaf li l-'pjan' divin jinkludi s-sejħa tagħhom għas-salvazzjoni. Ġesu' jaf il-perikli li jheddu dan il-pjan, u Huwa mqanqal mill-ħniena lejn il-folol. Huwa jiddeċiedi li jiddefendihom mill-ilpup ukoll jekk ikollu jħalli ħajtu. Il-ħarsa ta' Ġesu' tħaddan individwi u folol, u jwassalhom kollha quddiem il-Missier, waqt li joffri lilu nnifsu bħala sagrifiċċji ta' tpattija.

Imdawla minn din il-verita' tal-Għid, il-Knisja taf li jekk aħna rridu nġibu 'l quddiem l-iżvilupp sħiħ, il-"ħarsa" tagħna fuq il-bnedmin għandha titqies ma' dik ta' Kristu. Infatti, hija għal kollox impossibbli li wieħed jifred it-tweġiba għall-bżonnijiet materjali u soċjali tal-poplu mis-sodisfazzjon tax-xewqat profondi ta' qalbu. Dan għandu jiġi emfasizzat aktar u aktar fid-dinja tal-lum li dejjem timbidel, li fiha, ir-responsabilta' tagħna lejn il-fqar tad-dinja tidher b'manjiera aktar ħajja u urġenti. Il-predeċessur meqjum tiegħi, il-Papa Pawlu VI, iddeskriva eżattament l-iskandlu tas-sottożvilupp bħala offiża kontra l-umanita'. F'dan is-sens, fl-Enċiklika *Populorum Progressio,* huwa ddenunzja "n-nuqqas ta' bżonnijiet materjali għal dawk li ma għandhomx il-minimu essenzjali għall-ħajja, in-nuqqasijiet morali ta' dawk li huma mjassra mill-egoiżmu" u strutturi soċjali oppressivi, kemm jekk minħabba abbużi ta' sidien jew abbużi ta' setgħa, minħabba esplojtazzjoni ta' ħaddiema jew negozju nġust. Bħala rimedju għal dan il-ħażen, Pawlu VI ssuġġerixxa mhux biss "stima akbar għad-dinjita' ta' l-oħrajn, konsiderazzjoni ta' l-ispirtu tal-faqar, kooperazzjoni għall-ġid komuni, ir-rieda u x-xewqa għall-paċi",

iżda wkoll l-għarfien mill-bniedem tal-valuri supremi, kif ukoll ta' Alla, il-bidu u t-tmiem tagħhom (ibid). B'dan il-ħsieb, il-Papa kompla jipproponi li finalment u fuq kollox, hemm "il-fidi, don ta' Alla, aċċettat bir-rieda tajba tal-bniedem flimkien ma' l-imħabba ta' Kristu" (ibid). Għalhekk, "il-ħarsa" ta' Kristu fuq il-folla timponi fuqna li nsaħħu l-kontenut veru ta' dan 'l-umaniżmu sħiħ' li, skond Pawlu VI, jikkonsisti fl-iżvilupp tal-bniedem kollu u tal-bnedmin kollha" (ibid.,n.42). Għal din ir-raġuni, l-ewwel kontribut li l-Knisja toffri għall-iżvilupp tal-bniedem u tal-bnedmin ma jikkonsistix biss f'mezzi materjali jew soluzzjonijiet tekniċi, iżda fix-xandir tal-verita' ta' Kristu li teduka l-kuxjenzi u li tgħallem id-dinjita' awtentika tal-persuna u tax-xogħol, waqt li ġġib 'il quddiem il-formazzjoni ta' kultura li tirrispondi verament għad-domandi kollha tal-bniedem.

Quddiem l-isfidi tal-biża' tal-faqar li qed jolqot parti kbira mill-umanita', l-indifferenza u l-iżolament ta' l-egoiżmu jidhru f'kuntrast intollerabbli mal-"ħarsa" ta' Kristu. Is-sawm u l-għoti ta' karita', li flimkien mat-talb, il-Knisja tipproponi b'mod speċjali matul iż-żmien tar-Randan, huma mezzi f'waqthom għalina biex inkunu konformi ma' din il-"ħarsa". L-eżempju tal-qaddisin u l-istorja twila ta' l-attivita' missjunarja tal-Knisja jipprovdu indikazzjonijiet prezzjużi tal-modi l-aktar effettivi li jgħinu l-iżvilupp. Ukoll l-lum, fi żmien ta' interdipendenza globali, huwa ċar li l-ebda progett ekonomiku, soċjali, jew politiku ma jista' jieħu post dak id-don li wieħed jagħti lil ieħor permezz ta' l-espressjoni tal-karita'. Dawk li jaġixxu skond il-loġika ta' l-Evanġelju jgħixu l-fidi bħala ħbiberija ma' Alla li sar bniedem u, bħalu, jerfgħu t-toqol tal-bżonnijiet materjali u spiritwali tal-proxxmu tagħhom. Huma jaraw dan bħala misteru dejjiemi, denn ta' kura u attenzjoni infinita'. Huma jafu li min ma jagħtix lil Alla, jagħti ftit ħafna: bħalma l-Beata Tereża ta' Kalkutta ta' spiss kienet tosserva, l-agħar faqar huwa li ma tkunx taf lil Kristu. Għalhekk, għandna ngħinu lil ħaddieħor biex isib lil Alla fil-wiċċ ħanin ta' Kristu. Mingħajr din il-perspettiva, iċ-ċivilta' jonqosha pedament sod.

Grazzi lill-irġiel u lin-nisa ubbidjenti għall-Ispirtu s-Santu, bosta għamliet ta' karita' twaqqfu fil-Knisja, bil-ħsieb li jippromwovu l-iżvilupp: sptarijiet, universitajiet, skejjel ta' formazzjoni professjonali u negozji żgħar. Inizjattivi bħal dawn juru t-tħassib umanitarju ġenwin ta' dawk imqanqlin mill-messaġġ ta' l-Evanġelju, ħafna qabel forom oħra ta' titjib soċjali. Dawn il-ħidmiet ta' karita' juru t-triq biex wieħed jilħaq il-globalizzazzjoni li għandha bħala ċentru tagħha l-ġid veru tal-bnedmin u minn hemm it-triq li twassal għal paċi awtentika. Imqanqla, bħal Ġesu', bil-ħniena għall-folol, il-Knisja l-lum tqis id-dmir tagħha li titlob il-mexxejja politiċi u dawk li għandhom is-setgħa ekonomika u finanzjarja li jġibu 'l quddiem l-iżvilupp ibbażat fuq ir-rispett lejn id-dinjita' ta' kull raġel u mara. Verifika importanti ta' dan is-suċċess ta' l-isforzi tagħhom hija l-liberta' reliġjuża, li tfisser mhux biss liberta' li xxandar u tiċċelebra lil Kristu, iżda wkoll l-opportunuta' li tikkontribwixxi għall-bini ta' dinja mħeġġa mill-karita'. Dawn l-isforzi għandhom jinkludu l-għarfien tar-rwol ċentrali tal-valuri reliġjużi awtentiċi li jwieġbu għat-tħassib l-aktar fond tal-bniedem u għall-mistoqsijiet l-aktar profondi tiegħu, u li jipprovdu l-motivazzjoni etika li tirrispetta r-responsabbiltajiet personali u soċjali tiegħu. Dawn huma l-

kriterji li bihom l-insara għandhom jeżaminaw il-programmi politiċi tal-mexxejja tagħhom.

Ma nistgħux naħbu l-fatt li ħafna żbalji saru, fil-kors ta' l-istorja, minn dawk li kienu jistqarru li huma dixxippli ta' Ġesu'. Ta' spiss, ħafna, meta kellhom jindirizzaw problemi gravi, kienu ħasbu li huma għandhom l-ewwel itejbu din id-dinja, u biss wara jaħsbu fis-sema. It-tentazzjoni kienet li jemmnu li quddiem bżonnijiet urġenti, l-ewwel jeħtieġ li jinbidlu l-istrutturi esterni. Għal xi wħud dan kellu bħala konsegwenza l-bidla tal-Kristjaneżmu għal għamla ta' moraliżmu, it-twemmin ċeda għall-għemil.

Kellu raġun, għalhekk, il-Predeċessur tiegħi, il-Papa Ġwanni Pawlu II, ta' memorja venerata, meta osserva: "It-tentazzjoni l-lum hija li tirriduċi l-Kristjaneżmu għal għerf uman biss bħala xjenza li biha tgħix kuntent. F'din id-dinja tagħna sekularizzata bis-sħiħ, seħħet, bil-mod, is-sekularizzazzjoni tas-salvazzjoni sabiex il-bnedmin jistinkaw għall-ġid tal-bniedem, iżda għal bniedem li mhux sħiħ... Iżda aħna nafu li Ġesu' ġie biex iġib is-salvazzjoni sħiħa." (*Enċ. Redemptoris Missio, 11).*

Hu proprju din is-salvazzjoni sħiħa li r-Randan iqiegħed quddiemna, li twassal lejn ir-rebħa ta' Kristu fuq kull ħażen li jgħakkisna. Waqt li nduru lejn l-Imgħallem Divin, u nikkonvertu lejħ, waqt li nagħmlu esperjenza tal-ħniena tiegħu permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, aħna niskopru l-"ħarsa" li tfittixna profondament u tagħti ħajja ġdida lill-folol u lil kull wieħed u waħda minna. Hija ġġedded il-fiduċja lil dawk li ma jaqgħux fix-xettiċiżmu, u tiftaħ quddiemhom il-perspettiva tal-beatitudni eterna. Matul l-istorja, anke meta l-mibegħda dehret tirbaħ, ix-xiehda mimlija dija ta' l-imħabba Tiegħu qatt ma naqset. Lil Marija, "*l-għajn ħajja tat-tama" (*Dante Alighieri*, Paradiso, XXX111,12)*, aħna nafdaw il-mixja tagħna tar-Randan sabiex hi twassalna għand Binha. Jiena nirrakkomanda lilha partikularment il-folol li jbatu l-faqar u jgħajtu għall-għajnuna, appoġġ u li ħaddieħor jifhimhom. B'dawn is-sentimenti, jiena minn qalbi nagħti lilkom ilkoll Barka Appostolika speċjali.

Benedictus PP.XVI